Katina
Karmelitana

Nru. 26 Terzjarji Karmelitani Żurrieq Mejju – Awissu 2015

# Il-Madonna tal-Karmnu f'Qalb il-Papiet

Meta l-Madonna tat il-Labtu lil San Xmun Stock, hija għamlitlu żewġ wegħdiet. L-ewwel, 'Li min jilbes il-Labtu tal-Karmnu u jmut bil-Labtu fuqu, dan ma jmissx in-nar tal-infern'. It-tieni wegħda li nsejħulu **l-Privileġġ Sabatini**, kienet li min ikun devot tal-Labtu u jmut bih fuqu, Hija teħilsu mill-Purgatorju fl-ewwel Sibt fuq il-mewt tiegħu.



Il-Papa Piju XII fiċ-ċelebrazzjonijiet anniversarji tal-Labtu fl-1951 qal li l-Labtu jfisser li min jgħix ħajja tajba taħt il-ħarsien ta' Marija u b'devozzjoni jilbsu bħala sinjal ta' konsagrazzjoni lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija, dan ikollu l-ħarsien speċjali ta' Marija Santissima u Hija żżomm il-wegħdiet tagħha li għamlet lil San Xmun Stock.

Anke il-Papa San Ġwann Pawlu II fiċ-ċelebrazzjoni ta' għeluq is-750 sena mill-għotja tal-Labtu qal li il-wirt għani Marjan tal-Karmelu sar maż-żmien teżor għall-poplu kollu ta' Alla, grazzi għall-firxa tad-devozzjoni tal-Labtu Mqaddes.

Il-Papa preżenti, il-Papa Franġisku riċentament tkellem u qalilna kemm hija devozzjoni sabiħa li nilbsu l-Labtu.

Il-Labtu juri l-fidi tagħna li għad niltaqgħu ma' Alla fil-ħajja ta' dejjem bl-għajnuna u l-ħarsien tal-Verġni Marija. Kienet il-Madonna li xtaqet li jkollna din l-imħabba u d-devozzjoni lejn dan l-ilbies qaddis. Fuq kollox ma ninsewx l-





imħabba u d-devozzjoni li kellhom missirijietna lejn Ommna Marija Santissima tal-Karmelu u lejn il-Labtu Mqaddes tagħha.

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Qegħdin f'dan iż-żmien sabiħ tal-Għid, li fih isiru s-sebgħa Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu. Nieħdu gost naraw ħafna Terzjarji jattendu għall-quddiesa u l-funzjoni li ssir wara. Din is-sena, il-vestizzjoni u l-professjoni ser isiru fis-7 ta' Lulju għalhekk jekk tkunu tafu b'xi persuni li jixtieqi jissieħbu fit-terz'Ordni jagħtuni isimhom milll-aktar fis. Fix-xhur ta' Ġunju u Lulju se jsiru attivitajiet u funzjonijiet li jidhru fil-fuljett li għalihom intom mistiedna biex tieħdu sehem. Saħħa.

Il-Madonna tberikna.
**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Mejju – Awissu 2015

### Laqgħat Marjana

**It-Tlieta 2 ta' Ġunju**

Laqgħa Marjana fil-Knisja ta' Santa Marija Bubaqra. Niltaqgħu fis-6:30pm ħdejn l-Istatwa ta' Santa Marija. Ikun hemm pellegrinaġġ fejn jingħad ir-Rużarju u wara ssir quddiesa.

### It-Tnejn 16 ta' Ġunju

Laqgħa Marjana fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż Żabbar. Il-private titlaq minn ħdejn l-Iskola fis-6:00pm. Jingħad ir-Rużarju u wara ssir quddiesa.

### Adorazzjoni fil-Kappella ta' San Ġakbu

**Nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju,** ser issir nofs siegħa adorazzjoni fil-Kappella ta' San Ġakbu **fil-5:30pm** għat-Terzjarji u d-devoti kollha tal-Madonna tal-Karmnu.

### Vestizzjoni u Professjoni

Nhar **it-Tlieta 7 ta' Lulju** ser issir il-Vestizzjoni u professjoni fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq. Il-quddiesa tibda fis-6:30pm. It-Terzjarji **kollha** huma mitluba jieħdu sehem fil-quddiesa. Dan huwa jum importanti għat-Terzjarji kollha.

### Festa Liturġika tal-Madonna tal-Karmnu - Nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015

It-Terzjarji u devoti tal-Madonna tal-Karmnu għandhom jieħdu sehem fil-Quddiesa tat-8:00am biex flimkien inqaddsu dan il-jum sabiħ u qaddis.





## *O Verġni Mbierka*



***O Verġni Mbierka***
***O Bieb tas-sema***
***O Omm tal-Ħniena***
***O Għaxqa ta' Alla***
***Itlob għalina, għax aħna nafu li***
***xejn ma jiċħadlek Dak li poġġiek***
***fid-dinjita ta' Omm Divina.***

***Amen***